# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Nru.: 15/2018 RM**

**CHRIS CARUANA**

**-vs-**

**LUDWIG CAMILLERI**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest elef, erba' mija, seba' u tmenin Ewro (€5487.00) VAT inkluz (ara *statement* Dok.'A' u invoice Dok.'B') bilanc ta' diversi xogholijiet ta' aluminium li l-attur forna u ssuplixxa l-materjal tieghu lilu. Dawn ix-xogholijiet saru skont is-sengha u l-arti u skont l-istruzzjonijiet tieghu stess. Bl-imghax mit-18 ta' Ottubru 2017 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali anness Dok. 'C' kontra tieghu li minn issa qieghed ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Ludwig Camilleri[1] li giet prezentata fit-22 ta' Frar 2018 fejn eccepixxa s-segwenti:

[1] Fol. 10

1. *"Illi mhux minnu illi l-esponenti huwa debitur tal-attur kif qed jigi allegat.*
2. *Illi kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza il-bilanc illi kien ghadu dovut lill-attur kien fl-ammont ta' €2,941.00 izda minkejja illi dan l-ammont gie offrut lill-attur huwa ma accettax u ghalhekk l-esponenti sabiex jesimi ruhu minn kull responsabilita' kellu jiddeposita l-ammont fuq indikat taht l-awtorita tal-Qorti b'cedola ta' depositu 276/18 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok LC1.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat in-nota tal-attur pprezentata fis-26 ta' Marzu 2019 fejn irriduca s-sorte mitlub fir-Rikors promotur ghas-somma bilancjali ta' €4,650;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti u rat ukoll il-provi kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata mill-attur fil-25 ta' Gunju 2019 u rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenut fid-9 ta' Awwissu 2019;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tal-attur f'din il-kawza hija ghall-hlas tal-bilanc ta' xiri ta' materjal tal-aluminium[2] u xogholijiet ta' istallazzjoni ta' aperturi ta' aluminium u aperturi ohrajn gewwa diversi proprjetajiet tal-konvenut f'Marsacala[3]

**Provi**

B'zieda mad-dokumenti esebiti fl-atti, il-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti provi:-

**L-Affidavit tal-attur** tal-10 ta' April 2018 bid-dokumenti annessi;

**L-Affidavit ulterjuri tal-attur** tat-8 ta' Novembru 2018 bid-dokumenti annessi;

**L-Affidavit ta' Paul Marmara`** pprezentat fl-24 ta' Mejju 2018. Ix-xhud qal li mill-bilanc originali ta' €10,987 dovut mill-konvenut ghal xogholijiet li saru mill-attur, jirrizulta li l-konvenut hallas l-ammont ta' €5,500 u ghalkemm originarjament il-bilanc dovut lill-attur kien dak ta' €5,487, bil-VAT inkluz, jirrizulta illi mbaghad inhareg *credit note* ghall-ammont ta' €366.75. Ghaldaqstant, l-ammont dovut gie ridott ghal €5120.25 li huwa l-bilanc pendenti skont *statement* anness mal-Affidavit tax-xhud[4].

**Ix-xhieda ta' Roseanne Camilleri** tal-10 ta' Ottubru 2018[5] u d-dokument minnha esebit[6];

**L-Affidavit ta' Wayne Camilleri**[7];

---

[2] Ara Affidavit tal-attur, fol. 21.
[3] Fl-Affidavit ulterjuri tieghu l-attur fisser li dawn ix-xogholijiet saru fi blokk appartamenti u drive-in gewwa Triq Vittorio Cassar, Marsascala, u f'xaft biswit l-istess blokka. Vide wkoll fattura 'Dok. B' a fol. 3.
[4] Fol. 30.
[5] Fol. 43 - 52
[6] Dok. RC1.
[7] Ipprezentat fit-8 ta' Novembru 2018.

**L-Affidavit tal-konvenut Ludwig Camilleri**[8] u d-dokumenti annessi mieghu;

**L-Affidavit aggunt tal-konvenut**[9];

**Ix-xhieda ta' Paul Scicluna** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[10];

**Ix-xhieda ta' Paul Marmara`** in kontro-ezami [11];

**Ix-xhieda tal-attur** in kontro-ezami[12];

**Ix-xhieda tal-konvenut**[13].

**<u>Verzjoni tal-Attur</u>**

**L-attur xehed** illi ghax-xoghol ta' tqeghid ta' poggamani u hgieg fil-profili tal-aluminium, kif ukoll ghall-istallazzjoni tal-profili, liema materjal kien jixtrih il-konvenut a spejjez tieghu stess, huwa kien jithallas bir-rata ta' hames Liri Maltin (ekwivalent ghal €11.65) fis-siegha. L-attur qal li huwa zamm notament bis-sighat ta' xoghol li hadem u skont dan id-dokument[14], ghal dawn is-sighat ta' xoghol jirrizulta li huwa ghandu jiehu s-somma ta' Lm340[15] liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut.

[8]Ipprezentat fis-16 ta' Jannar 2019.
[9] Ipprezentat fis-26 ta' Marzu2019.
[10] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019.
[11] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019.
[12] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019.
[13] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019.
[14] Dok. A anness mal-ewwel Affidavit tieghu.
[15] Ekwivalenti ghal cirka €790.

L-attur fisser ukoll illi huwa kien ghamel diversi xogholijiet ohra ghall-konvenut fosthom bibien bil-louvres, bibien bil-hgieg, diversi twieqi kif ukoll poggaman u xambrelli tal-bibien u twieqi u zewg soqfa, fost ohrajn[16], ghal liema xogholijiet huwa kien ipprova stima lill-attur kif jinsab indikat fuq l-istess Dok. A li fih ukoll dizinnji tax-xogholijiet in kwistjoni. Dan ix-xoghol kollu inkluz is-sighat ta' xoghol, jammonta ghal Lm1209 ekwivalenti ghal €3,610 minghajr taxxa fuq il-valur mizjud[17], kif imfisser fil-dettall mill-attur fl-Affidavit ulterjuri tieghu.

L-attur zied jghid li huwa kien xtara minghand J. Lautier ir-railings tat-tarag li gew istallati fil-blokka ta' quddiem il-villa tal-konvenut, izda ghalkemm tal-materjal il-konvenut kien hallsu, baqa' ma hallsux ghax-xoghol ta' istallazzjoni u mano d'opera tieghu. Skont l-attur dawn ir-railings jidhru fuq il-pjanti tal-blokka li gew esebiti bhala Dok. C u Dok. D annessi mal-Affidavit ulterjuri tieghu. Ta' dan ix-xoghol, inkluz mano d'opera u istallazzjoni, l-attur jghid li ghandu jiehu s-somma komplessiva ta' €1,025[18] skont kif jinsab indikat f'Dok. B[19], li fih sett ta' diversi dizinnji tal-attur fosthom ir-railings in kwistjoni li jinsabu indikati bin-numru 12 ghall-prezz ta' Lm440. Oltre dan jonqos ukoll hlas ta' siegha u nofs xoghol imwettaq mill-attur, fis-somma komplessiva ta' €15.

Dan ifisser illi l-ammont li l-attur jitlob il-hlas tieghu f'din il-kawza huwa maghmul mis-segwenti:-

(1) Xogholijiet skont Dok. A[20] fl-ammont ta' €3610 (VAT mhux inkluz)
(2) Xoghol skont Dok. B[21] fl-ammont ta' €1025 (VAT mhux inkluz)
(3) Siegha u nofs xoghol fl-ammont ta' €15 (VAT mhux inkluz)

---

[16] Dawn ix-xoghlijiet jinsabu mfissrin fid-dettall fl-Affidavit ulterjuri tal-attur.
[17] Minn hawn 'il quddiem ir-referenza sejra tkun ghal "VAT".
[18] Lm440.
[19] Anness mal-ewwel Affidavit tieghu, tal-10 ta' April 2018.
[20] Anness mal-ewwel Affidavit tal-attur.
[21] Anness mal-ewwel Affidavit tal-attur.

L-ammont totali ta' dan kollu huwa fis-somma ta' €4,650, u bit-taxxa tal-VAT mizjuda, l-ammont huwa ta' €5,487.

Izda, in segwitu ghax-xhieda tal-accountant tieghu Paul Marmara, l-attur stqarr illi minhabba l-hrug ta' *credit note* favur il-konvenut fis-somma ta' €366.75, l-ammont finali dovut minghand il-konvenut ghandu jigi ridott ghas-somma ta' €5,120.25. Sussegwentement, l-attur irriduca t-talba tieghu bis-somma ulterjuri ta' €837, rapprezentanti t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq il-fattura fis-somma ta' €5,487, biex il-bilanc finali li qed jippretendi minghand il-konvenut huwa fis-somma ta' **€4,283.25[22].**

**<u>Verzjoni tal-Konvenut</u>**

**Il-konvenut Ludwig Camilleri xehed**[23] illi fis-sena 2016 huwa kien ingagga lill-attur biex jahdimlu fuq diversi aperturi li kellu bzonn ghal xi flats illi jappartjenu lilu u lil mara tieghu f'Marsaskala. Jghid illi x-xogholijiet illi dwarhom kienu ftehmu, kienu saru ghalkemm mhux fil-kwalita` mistennija, u fir-rigward esebixxa sett ta' ritratti Dok LC1. Jghid illi l-uniku haga illi ma kienx ghamel l-attur kienet is-*sealer* tal-aperturi, tant illi huwa kellu jinkariga lil terzi biex ilestu dan ix-xoghol li ghalih hallas is-somma ta' €110.

Il-konvenut, minkejja li dejjem irrikonxxa illi l-attur kien ghad baqaghlu jiehu xi flus minghandu, ma jaqbilx mal-ammont mitlub mill-attur f'din il-kawza. Jghid illi l-attur baqa' qatt ma baghtlu kont finali tax-xoghol qabel huwa ircieva l-ittra legali tat-18 ta' Ottubru 2017 bi *statement* anness, fejn intalab ihallas is-somma ta' €5,487, u qatt ma rcieva lanqas il-fattura Dok. B annessa mar-Rikors promotur.

---

[22] Vide nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, fol. 128.
[23] Fol. 67- 69

Il-konvenut jaqbel illi l-quotations u kontijiet illi kien ihejji l-attur kienu jkunu b' dizinnji tal-aperturi bil-mizuri relattivi, u bil-prezz miftiehem hdejn kull dizinn u cioe` dawn kienu jkunu bhad-dokument "A" u "B" illi esebixxa l-attur stess flimkien mal-Affidavit tieghu. Dawn kien itihomlu l-attur meta kien imur ikejjel ghall-aperturi, b'indikazzjoni tal-qisien u prezz ta' kull apertura. Meta x-xoghol kien ikun lest huwa kien juza l-istess karta bhala l-kont, bid-differenza illi fuqha l-attur kien izid s-sighat illi jkun ghamel biex wahhal ix-xoghol. Il-konvenut infatti jikkonferma illi Dok. A u Dok. B annessi mal-Affidavit tal-attur huma effettivament il-quotations tal-prezzijiet li l-attur kien tah dwar ix-xoghol in kwistjoni, biss ma setax iqabbel il-figuri f'dawn id-dokumenti mal-fattura Dok. B esebita mar-Rikors promotur ghaliex ma fihiex rendikont ta' x'jirrapprezenta l-ammont indikat ta' €5,487.

Il-konvenut qal ukoll li eventwalment ircieva ghall-ewwel darba, bl-intervent tal-avukat tieghu, invoice iehor li kien fih indikazzjoni dettaljata tal-ammont li kien qed jintalab mill-attur - Dok LC2 u LC3[24]. Jghid li dawn id-dokumenti huwa qatt ma rahom qabel u gew fabbrikati ghall-iskopijiet ta' din il-kawza, ghaliex il-ftehim dwar xogholijiet li kellu mal-attur kien sar skont il-prezzijiet tal-aperturi indikati fiz-zewg dokumenti esebiti mill-attur stess bhala Dok. A u Dok. B annessi mal-Affidavit tieghu. Skont il-konvenut, mhux l-aperturi kollha illi hemm indikati f'Dok. B effettivament saru.

Il-konvenut jiddikjara wkoll illi huwa ma jikkontestax illi x-xogholijiet illi hemm elenkati fil-fatturi Dok. LC2[25] u LC3[26] effettivament saru, izda l-kontestazzjoni tieghu hija fis-sens illi:-

[24] Fol. 77 u 78.
[25] Invoice "36".
[26] Invoice "001CAMLUD".

- l-attur ma messux zied il-VAT fuq il-prezzijiet indikati minnu fid-dokumenti Dok. A u Dok. B[27], ghaliex meta l-partijiet ftiehmu fuq il-prezzijiet hekk indikati, il-ftehim kien li l-prezzijiet kwotati jinkludu diga` il-VAT;
- l-attur baqa' ma ghamilx *sealer* fuq uhud mill-aperturi u konsegwentement huwa kellu jqabbad terzi biex jaghmlu dan ix-xoghol; u
- l-attur baqa' ma naqqasx mill-kont tieghu pagament ulterjuri li ghamel il-konvenut fis-somma ta' €760.

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet illi l-attur, fuq inkarigu tal-konvenut, wettaq xoghol ta' istallazzjoni ta' diversi aperturi kif ukoll *railings*, xtara xi materjal u hadem is-sighat kollha li jifformaw il-mertu tat-talba tieghu f'din il-kawza. Ma hemmx kontestazzjoni lanqas da parti tal-konvenut dwar ir-rati u s-sighat tax-xoghol, u l-prezzijiet pretizi mill-attur u fir-realta`, il-vertenza bejn il-partijiet tirrizolvi ruhha fis-segwenti:-

(a) Iz-zieda tat-taxxa fuq il-valur mizjud fl-invoice 001CAMLUD fuq il-prezzijiet moghtija mill-attur, fis-somma ta' €838.97;
(b) Il-pagament ulterjuri li allegatament sar mill-konvenut fis-somma ta' €760; u
(c) It-tnaqqis tas-somma ta' €110 pretiza mill-konvenut kwantu spejjez imhallsin lil terzi ghal xoghol ta' *sealer* fuq xi aperturi, liema xoghol baqa' ma sarx mill-attur.

**<u>Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (VAT)</u>**

L-ewwel binarju tal-kontestazzjoni tal-konvenut huwa msejjes fuq il-pretensjoni tal-attur ghall-hlas tal-prezz rapprezentanti VAT applikat mill-attur fuq il-prezz tax-xoghol indikat fil-fattura "INV 36" fis-somma ta' €837, kif ukoll fuq il-hlas

[27] Annessi mal-Affidavit tal-attur.

ta' VAT mizjud fuq il-prezzijiet fil-fattura "001CAMLUD" fis-somma ta' €838.98.

Il-Qorti tosserva illi fil-mori tal-kawza l-attur eventwalment ikkonceda illi l-prezzijiet minnu indikati u miftiehma ghax-xogholijiet li huwa wettaq fuq struzzjonijiet tal-konvenut, kienu diga` jinkludu l-VAT u effettivament huwa pproceda biex permezz ta' nota datata 26 ta' Marzu 2019 irriduca l-ammont ta' €5,487 minnu mitlub f'din il-kawza, bis-somma ta' €837 rapprezentanti l-VAT fuq il-prezz tal-fattura Dok. B/Dok. LC2, cioe` "INV 36"[28].

Izda l-konvenut jikkontendi illi l-attur ma kellux inaqqas biss il-VAT fuq il-prezzijiet tax-xoghol fis-somma komplessiva ta' €5,487 mertu tal-fattura Dok. B ("INV 36"), ghaliex jghid illi bl-ammissjoni tal-attur stess, il-prezzijiet tieghu kienu jinkludu diga` l-VAT u konsegwentement kellu jnaqqas ukoll il-kontenut tal-VAT mill-hlas li l-konvenut kien diga` ghamel precedentement fis-somma ta' €5,500.

Da parti tieghu, l-attur jichad illi l-prezzijiet indikati fl-invoice "001CAMLUD" kienu diga` jinkludu l-VAT u jsostni illi l-konvenut kien diga` hallas l-ammont kollu dovut fuq dik l-ewwel fattura bil-VAT kompriza, fis-somma ta' €5,500 u kieku kellu xi rizerva dwar jekk it-taxxa gietx komputata korrettement, zgur li ma kienx ihallas il-fattura *in toto*.

In sostenn tal-kontenzjoni tieghu, il-konvenut jghid illi ghalkemm effettivament huwa kien diga` hallas lill-attur is-somma komplessiva ta' €5,500 permezz ta' diversi pagamenti separati[29] kif indikati fl-i*statement* Dok. A anness mar-Rikors promotur u fl-i*statement* esebit minn Paul Marmara`[30], dawn il-pagamenti kienu saru akkont u mhux specifikatament kontra fattura partikolari cioe`

[28] A fol. 3.
[29] Permezz ta' cheques esebiti bhala Dok. SC1, SC2 u SC3.
[30] Fol. 30.

"001CAMLUD". Fir-rigward, il-konvenut fisser illi sakemm gew effettwati l-pagamenti akkont, l-attur qatt ma kien baghtlu kont, tant illi l-ewwel darba li huwa rcieva l-i*statement of account* (Dok. A[31]) u l-invoice "36"[32] minghand l-attur, kien permezz tal-ittra legali li ntbaghtet lilu fit-18 ta' Ottubru 2017[33] meta l-pagamenti appena msemmija kienu ilhom li gew effettwati, filwaqt illi l-invoice "001CAMLUD" (Dok. LC3[34]) inghatalu biss bis-sahha tal-intervent tal-avukat tieghu wara li ntbaghtitlu l-ittra legali tat-18 ta' Ottubru 2017. Il-konvenut jissokta jghid li l-invoice "001CAMLUD"[35] giet fabbrikata ghall-finijiet ta' din il-kawza u mhux minnu li nharget f'April 2017 kif indikat[36], ghaliex minkejja illi f'April 2017 l-attur kien ghadu ma rregistrax mad-Dipartiment tal-VAT u kwindi ma setax kellux numru tal-VAT, fl-istess invoice "001CAMLUD" gie kwotat l-istess numru tal-VAT[37] li sussegwentement rega' gie kwotat ghall-fini tal-invoice "INV 36" li nhareg fis-6 ta' Ottubru 2017 cioe` wara li l-attur irregistra mad-Dipartiment u nghata numru tal-VAT[38].

Illi evidentement, dan kollu jinghad mill-konvenut sabiex jissostanzja l-kontenzjoni tieghu illi l-pagamenti li huwa ghamel lill-attur fuq diversi xhur bejn Marzu u Lulju 2017[39] ma sarux kontra l-fattura "001CAMLUD" li nharget sussegwentement, izda saru minn zmien ghall-iehor akkont tal-prezzijiet tax-xoghol indikati mill-attur fuq in-notamenti tieghu. Dan skont il-konvenut, ifisser illi galadarba l-attur jirrikonoxxi illi l-VAT gie komputat doppjament fuq l-invoice "INV 36", isegwi illi hekk ukoll kien ikkomputat doppjament ukoll fuq il-hlasijiet li huwa kien diga` lahaq ghamel qabel, u l-attur messu ghaldaqstant

---

[31] Fol. 2
[32] Fol. 3, Dok. B.
[33] Dok. C anness mar-Rikors promotur.
[34] Fol. 78.
[35] Dok. LC3 a fol. 78.
[36] Dok. A.
[37] 2453-3105.
[38] Paul Scicluna li xehed in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-VAT, ikkonferma illi l-attur irregistra ghall-ewwel darba mad-Dipartiment fl-1 ta' Settembru 2017.
[39] Cheques Dok. SC1, SC2 u Sc3.

naqqas ukoll il-kontenut tal-VAT fuq is-somma ta' €5,500 li tidher fl-istess fattura "001CAMLUD".

Ikkunsidrat;

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi fil-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Frar 2019, l-attur tramite l-legali tieghu ddikjara illi "*F'kull kaz sejjer jitnaqqas l-ammont tal-VAT fis-sens illi l-attur ser jikkoncedi illi* ***l-ammonti kwotati fl-invoices kienu VAT included.***" [enfasi tal-Qorti]

Issa minn daqqa t'ghajn lejn Dok. LC3 esebit mill-konvenut, cioe` l-invoice "001CAMLUD" jirrizulta illi anke ghall-fini ta' dan l-invoice kienet giet applikata l-VAT fuq il-prezzijiet moghtija mill-attur b'dan illi fuq il-prezzijiet li ammontaw komplessivament ghas-somma ta' €4,661.02, gie applikat l-ammont ta' €838.98 f'VAT.

Il-Qorti fl-assjem tal-provi u senjatament ix-xhieda in kontro-ezami tal-attur u ta' Paul Marmara`, kif ukoll mizmum ferm il-fatt li l-persuna li skont l-attur hejjiet l-istatement Dok. A kif ukoll il-fatturi Dok. LC2 u LC3[40] ma tressqitx sabiex tixhed fil-kawza, **hija propensa li taqbel mal-konvenut illi l-fattura "001CAMLUD" inharget ferm wara April 2017 u wara l-pagamenti li saru mill-konvenut**. Huwa inkontestat li l-pagamenti li saru mill-konvenut lill-attur qabel il-hrug tal-invoice "INV 36" fis-6 ta' Ottubru 2017, saru permezz ta' *cheques* li nhargu f'Marzu 2017, Gunju 2017 u Lulju 2017[41]. Effettivament, dawn il-pagamenti, ghalkemm gew indikati fl-i*statement of account* Dok. A[42], gew indikati erronjament bhallikieku saru lkoll f'April 2017 meta effettivament sa April 2017 kien lahaq sar biss pagament wiehed[43].

[40] Skont Paul Marmara` dawn ma gewx redatti minnu.
[41] Dok. SC1, SC2 u SC3.
[42] Fol. 2.
[43] Cheque Dok. SC1 datat 3 ta' Marzu 2017 fis-somma ta' €1,500.

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi Paul Marmara`, l-accountant tal-attur, ikkonferma illi z-zewg invoices "001CAMLUD" fl-ammont ta' €5,500 u "INV 36" fl-ammont ta' €5,487, esebiti mill-konvenut bhala Dok. LC2 u LC3[44] huma proprju l-invoices li ssir referenza ghalihom fl-i*statement of account*[45] li huwa hejja fuq struzzjonijiet tal-attur[46]. F'dan l-istatement aggornat, fejn jidher tnaqqis ta' *credit note* fis-somma ta' €366.75, il-bilanc totali li huwa indikat bhala dovut mill-konvenut anke wara l-hrug tal-invoice "36", huwa fis-somma ta' €5,120.25. Hija sinjifikanti l-osservazzjoni illi dan il-*credit note* ma giex imnaqqas mill-ammont dovut fuq il-fattura "INV 36"[47] li l-hlas tieghu l-attur jghid li qed jitlob f'din il-kawza, izda gie mnaqqas mill-bilanc dovut wara li tnaqqsu l-pagamenti kollha li saru mill-konvenut, bhallikieku kien pagament iehor akkont.

Il-Qorti tqis illi dan l-i*statement* imhejji minn Paul Marmara` ikompli jaghti sostenn lit-tezi tal-konvenut illi l-pagament fl-ammont komplessiv ta' €5,500 li huwa hallas, kien hekk imhallas akkont tax-xoghol imwettaq mill-attur u mhux specifikatament kontra l-fattura "001CAMLUD" anke ghaliex il-Qorti fehmet illi din il-fattura ma kienetx ghadha nharget meta effettivament saru l-pagamenti akkont. Il-korollarju ta' dan huwa illi jekk jirrizulta li fil-prezzijiet indikati mill-attur fl-invoice "INV 36" kien hemm kompriza l-VAT, kif del resto rrikonoxxa l-attur, allura hekk ukoll kien hemm il-VAT kompriza fl-*entries* tal-fattura "001CAMLUD" li nhareg wara li saru l-pagamenti akkont mill-konvenut.

Minn dan isegwi illi meta l-attur accetta li jnaqqas mill-fattura "36" il-kontenut tal-VAT fis-somma ta' €837, kellu wkoll inaqqas il-VAT ghall-fini tal-fattura "001CAMLUD" ghaliex kif rajna, il-pagamenti li kienu qed isiru mill-konvenut

---

[44] A fol. 77 u 78 rispettivament. Ara kontro-ezami ta' Paul Marmara' tal-14 ta' Mejju 2019.
[45] A fol. 30.
[46] Ta' min josserva illi l-attur innifsu kkonferma illi d-dokumenti Dok. LC2 u Dok. LC3 esebiti mill-konvenut huma effettivament fatturi li inhargu fuq inkarigu tieghu lill-konvenut.

[47] Fis-somma ta' €5,487.

akkont tax-xoghol, ma jidhrix li kienu intizi specifikatament sabiex jaqtghu l-invoice "001CAMLUD".

Fuq kollox izda, l-attur baqa' ma wriex kif il-prezzijiet minnu indikati fil-fattura "001CAMLUD" fis-somma ta' €4,661.02 (qabel giet mizjuda VAT fis-somma ta' €838.98) kienu komputati differentement minn dawk tat-tieni fattura u kif dawn tal-ewwel ma kienux ghalhekk diga` jinkludu l-VAT. Dan qed jinghad kemm fl-isfond tal-fatt li l-attur stess iddikjara minghajr distinzjoni illi l-ammonti indikati fil-fatturi "*kienu VAT included*"[48], kif ukoll tal-presunzjoni legali mfissra fl-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, illi fl-Artiklu 49(2) jistipola illi fejn l-ammont ta' taxxa li jkun dovut u ghandu jithallas:-

"*... ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.*"[49]

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi galadarba l-attur afferma, u l-konvenut jaqbel[50], illi l-prezzijiet tax-xoghol tieghu li jinsabu mmarkati fuq in-notamenti bit-tpingijiet li kien izomm[51], huma effettivament l-istess prezzijiet li gew indikati fuq il-fatturi[52] li eventwalment inhargu mill-istess attur, u l-konvenut kien ihallas fuqhom[53], ghandha ssib riskontru pjen l-imsemmija presunzjoni illi l-prezzijiet indikati fuq it-tpingijiet ossia notamenti tal-attur, ghandhom jitqiesu li jinkludu l-VAT.

---

[48] Verbal tal-udjenza 27 ta' Frar 2019.

[49] Kap. 406, Artikolu 49(2).

[50] Ara Affidavit tal-konvenut, fol. 67 *tergo*.

[51] Ara wkoll xhieda ta' Roseanne Camilleri (10 ta' Ottubru 2018) li kkonfermat illi l-invoices illi kien johrog l-attur kienu jkunu permezz tat-tpingijiet bhal dik minnha esebita Dok. RC1 – fol. 48.

[52] Dok. LC2 u LC3, jew "001CAMLUD" u "INV 36".

[53] Meta xehed in kontro-ezami fl-14 ta' Mejju 2019, l-attur wiegeb fl-affermattiv [fol. 111] ghad-domanda tal-Qorti: "Mela, inti tajt din l-informazzjoni bl-items li hdimt lil min lestielek dak id-dokument [statement Dok. A]" u b'referenza ghall-fatturi Dok. LC2 u LC3 ikkonferma wkoll illi min hejja l-invoices fuq struzzjonijiet tieghu hadmu fuq l-informazzjoni li tahom huwa stess dwar ix-xoghol li hadem ghall-attur [fol.112].

Dan ifisser illi jekk is-somma ta' €837 rapprezentanti t-taxxa mizjuda fuq il-fattura "INV 36" kienet mizjuda indebitament kif irrikonoxxa l-attur[54], isegwi logikament illi t-taxxa mizjuda fuq il-prezzijiet tax-xogholijiet indikati fil-fattura "001CAMLUD" ukoll giet mizjuda doppjament u ghandha tigi akkreditata lill-konvenut bhallikieku kienet pagament ulterjuri li sar akkont tal-prezz tax-xoghol imwettaq mill-attur u dan bl-istess mod kif, wara kollox, gie mnaqqas l-ammont ta' €366.75, cioe` permezz ta' *credit note* akkreditat lill-bilanc li fadal ihallas il-konvenut kif indikat fuq l-i*statement of account* li jinsab a fol. 30.

Konformament mal-premess, il-Qorti taqbel mal-pozizzjoni tal-konvenut u tqis illi t-taxxa mizjuda fuq l-invoice "001CAMLUD" fis-somma ta' €838.98 giet hekk mizjuda fuq prezzijiet li kienu diga` jinkludu l-VAT, u ghandha ghalhekk titnaqqas mill-bilanc li huwa dovut lill-attur. Il-bilanc dovut lill-attur wara li tnaqqsu l-pagamenti li saru mill-konvenut u l-*credit note*, kif ikkonferma x-xhud Paul Marmama u kif indikat fl-i*statement of account* a fol. 30, huwa ta' €5,120.25. Minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas ulterjorment is-somma ta' €837 li effettivament giet ridotta mill-attur permezz tan-nota tieghu tas-26 ta' Marzu 2019, kif ukoll l-imsemmija somma ta' €838.98 – dan igib bilanc ta' **€3,444.27**.

## <u>Hlas Ulterjuri ta' €760</u>

Il-konvenut jikkontendi ulterjorment illi huwa hallas lill-attur is-somma ta' €760 akkont, b'zieda mal-pagamenti akkont indikati fl-i*statement* Dok. A[55] izda madanakollu dan il-hlas baqa' ma gie imnaqqas mill-bilanc pretiz mill-attur.

Il-Qorti tosserva illi dan l-allegat pagament ma giex indikat fl-i*statement* Dok. A u jsir referenza ghalih biss fi skambju ta' emails bejn il-konsulenti legali tal-

[54] Ara wkoll nota ta' riduzzjoni tal-attur, fol. 83.
[55] Fol. 2. Dawn il-pagamenti akkont saru permezz ta' tliet cheques esebiti mill-konvenut bhala Dok. SC1, SC2 u SC3, a fol. 101 *et seq*.

partijiet fejn ghan-nom tal-attur, saret spjega dwar l-ammonti tal-fatturi "001CAMLUD" u "INV 36" indikati fl-i*statement* of account esebit a fol. 87.

Fl-Affidavit tieghu[56], il-konvenut fir-rigward jghid hekk:-

"*Chris mhux qieghed jikkontesta l-pagamenti akkont fl-ammont ta' €5,500, filwaqt illi l-bilanc fl-ammont ta' €760 huwa accettat fl-email tal-avukat tieghu*[57] *... Il-problema li inqalghet kienet illi Chris unilateralment iddecieda illi parti mill-ammont illi hallastu uzaha biex jaqta' xi dejn tal-kumpannija ta' missieri.*"

Imbaghad, fl-Affidavit ulterjuri tieghu, il-konvenut fisser illi:-

"*... mis-somma ta' €3,444.77 wiehed irid inaqqas is-somma ta' €760 illi kien thallas akkont u li gie accettat mill-attur (vide Dok. LC4)...*"

Ikkunsidrat;

Madanakollu, wara li rat l-atti, il-Qorti ma tqisx illi Dok LC4 jikkostitwixxi accettazzjoni tal-attur illi kien ircieva pagament fl-ammont ta' €760 b'zieda mal-pagamenti li gew indikati fl-i*statement* Dok. A li thallsu permezz tac-*cheques* esebiti mill-konvenut innifsu. Il-konvenut ma fissirx sodisfacjentement kif u meta effettivament thallset is-somma ta' €760, ghajr illi fisser illi s-segwenti bran fl-email Dok. LC4 ghandu jitqies bhala accettazzjoni tal-hlas ta' dan l-ammont da parti tal-attur:-

"*The amount of Euro 760 represents payment for 3 balconies and 1 door. One Balcony (owner Ian) plus one door have been delivered and installed. The other two balconies measuring (owner Matthew) 12 feet and 10.5 not delivered and the cost of these two balconies (12+10.5=22.5 feet at Euro 16.3 (Lm7) thus total of Euro 366.75 (shown in the new statement attached).*"[58]

---

[56] Affidavit tas-16 ta' Jannar 2019, fol.69.

[57] Dok. LC4.

[58] Fol. 87 formanti parti minn Dok. SF1 a fol. 85 *et seq*.

Izda l-Qorti ma hija affattu konvinta minn dan. Pjuttost, fehmet illi l-attur fl-email appena citat qieghed jiggustifika kif filwaqt illi l-hlas tas-somma ta' €760 kien effettivament dovut bhala l-prezz ta' gallarijiet u bieb li gew debitament konsenjati u istallati, il-prezz ukoll imhallas mill-konvenut fis-somma ta' €366.75 ma kienx hekk dovut ghaliex il-gallarijiet relattivi ma gewx effettivament ikkonsenjati. L-attur ikompli jghid illi huwa proprju ghalhekk illi nhareg il-*credit note* fl-istess ammont ta' €366.75 li gie mnaqqas mill-bilanc pretiz mill-attur, kif jidher fl-i*statement* aggornat anness mal-istess email[59]. Effettivament, jigi osservat illi l-attur imkien fl-imsemmi skambju ta' emails jidher li jaccetta illi huwa rcieva pagament iehor fl-imsemmija somma, izda qieghed minflok jaghti spjegazzjoni ghaliex hija effettivament dovuta.

Minn dan il-Qorti fehmet ukoll illi galadarba skont l-attur il-bibien u gallarijiet gew effettivament ikkonsenjati u istallati u dan ghall-prezz ta' €760, l-ammont addebitat lill-konvenut kien effettivament dovut u kien proprju ghalhekk li gie mhallas mill-konvenut.

F'kull kaz, jigi osservat ukoll illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova biex isostni l-allegazzjoni tieghu dwar dan il-pagament u ma wriex kif dan il-hlas gie minnu effettwat **oltre u b'zieda mal-pagamenti li saru kif indikati f'Dok. A**. Fir-rigward il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi filwaqt illi skont il-konvenut, dan il-pagament fis-somma ta' €760 ma giex akkreditat fl-i*statement of account*[60] ghaliex intuza mill-attur biex ihallas xi dejn minnu dovut lill-kumpannija ta' missier l-istess konvenut, huwa baqa' ma ressaq la lil xi rapprezentant ta' din il-kumpannija u lanqas xi prova dokumentarja biex jaghti konfort lil din l-allegazzjoni tieghu, u lanqas jirrizulta li kien hemm xi impediment biex jaghmel dan.

Huwa ovvju illi min jeccepixxi l-pagament, jinkombi fuqu l-oneru tal-prova tal-pagament u dan in omagg ghall-principju generali *ei incumbit qui dicit et non qui*

[59] A fol. 87.
[60] Dok. A a fol 2 u l-i*statement* a fol. 87.

*negat*, izda fil-kaz odjern il-Qorti tqis illi l-konvenut ma ddizimpenjax ruhu minn dan l-oneru u ma gab ebda prova li huwa ghamel pagament akkont tal-ammont ta’ €760 oltre ghal dawk il-pagamenti[61] indikati fl-i*statement* Dok. A[62], u li dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-bilanc effettivament dovut lill-attur.

**Tnaqqis tas-Somma ta’ €110**

L-istess konsiderazzjonijiet isibu riskontru fir-rigward tas-somma ta’ €110 illi l-konvenut isostni li ghandha wkoll tigi ridotta mill-ammont bilancjali minnu dovut lill-attur, rapprezentanti spejjez imhallas mill-istess konvenut lil terzi ghal xoghol ta’ *sealing* li baqa’ ma sarx mill-attur fuq uhud mill-aperturi minnu istallati.

Il-konvenut jikkontendi illi dawn l-ispejjez ghandhom jigu akkreditati kontra l-bilanc dovut ghaliex l-attur, ghalkemm jippretendi l-hlas ghall-istallazzjoni tal-aperturi, baqa’ ma applikax is-*sealer* fuq uhud mill-aperturi. Fl-Affidavit tieghu il-konvenut jghid hekk fir-rigward:-

“*Illi l-uniku haga illi ma kienx lesta Christopher kien illi kien hemm xi xogholijiet zghar li kienu jikkonsistu f’sealing ta’ aperturi, li baqa’ qatt ma ghamel illi li spiccajt kelli ngib lil terzi li ta’ dan ix-xoghol kont hallast €110.*”[63]

Ghalkemm kif rajna l-attur jaqbel illi ma ghamilx ix-xoghol ta’ *sealer* u kwindi m’hemmx kontestazzjoni illi dan ix-xoghol effettivament ma sarx, l-istess attur isostni illi l-prezz tas-*sealer* m’huwiex inkluz fil-prezz tax-xoghol minnu indikat, tant illi jikkoncedi li effettivament ix-xoghol ta’ *sealer* huwa ma ghamlux minhabba li ra li l-konvenut ma kienx qed ihallsu. Fisser ukoll li s-*sealer* ma sarx biss fuq tliet gallarijiet.

[61] Dok. SC1, SC2 u SC3: cheques li bihom il-konvneut hallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ €5,500.
[62] Fol. 2.
[63] Affidavit a fol. 67 *et seq*.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti filwaqt li tosserva illi huwa minnu illi ma giet indikata mill-attur ebda differenza bejn il-prezz ta' dawk l-aperturi li lahaq sar ix-xoghol ta' *sealer* fuqhom, u t-tliet gallarijiet li dikjaratament ma sarx fihom dan ix-xoghol, rapprezentanti l-prezz tas-*sealer*, u kwindi ma tistax tikkonkludi li l-prezzijiet kwotati mill-attur ghall-aperturi ma fihomx tabilhaqq inkluz il-prezz tax-xoghol ta' *sealer*, fil-gabra tal-provi li tressqu in konnessjoni mas-*sealing* tal-aperturi in kwistjoni, tqis li l-verzjoni tal-attur hija iktar konvincenti.

L-attur xehed hekk fir-rigward:-

"*Mill-bqija kont nithallas wara li nahdimlu u nwahhallu x-xoghol. Jien kont naghti l-kontijiet tieghi lil Ludwig wara li kont inlesti xoghli.*
*…*
*Nixtieq niccara illi jiena kien ghad baqaghli naghmillu sealer ta' tliet gallarijiet. Is-sealer kont hallejtu ghall-ahhar ghaliex l-importanti ghal Ludwig kien li jkollu l-aperturi lesti. Is-sealer jien bqajt m'ghamiltulux. Fil-fatt jien qatt ma hrigt l-ebda invoice tieghu. Dan ghaliex kif bdejt ninduna li Ludwig gej bil-problemi u waqaf jirrispondini dwar ix-xoghol, jien xtaqt naqta' minn mieghu u ma xtaqtx inkompli nahdem mieghu.*"

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-konvenut innifsu jaghti sostenn ghal din il-verzjoni meta fl-Affidavit tieghu xehed illi kif ix-xoghol kien ikun lest, l-attur kien juza l-istess karta li fuqha kien ipingi d-dizinnji tal-aperturi b'indikazzjoni tal-prezzijiet, bhala kont billi jzid is-sighat illi jkun ghamel biex wahhal ix-xoghol.

Izda fuq kollox il-Qorti hija tal-fehma illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jressaq prova sodisfacjenti dwar il-hlas tal-ispejjez li huwa jghid li ghamel lil terzi ghal dan ix-xoghol li ma sarx mill-attur. Madanakollu, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda evidenza kwalsiasi biex jissostanzja l-verzjoni tal-konvenut illi huwa effettivament ingagga terzi proprju biex isir dan ix-xoghol, wisq anqas illi

sar il-pagament fis-somma ta' €110 minnu allegat. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ma ghandu jsir ebda tnaqqis fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Konformement mal-premess, hija l-konkluzjoni tal-Qorti illi l-bilanc effettivament dovut mill-konvenut lill-attur ghax-xogholijiet minnu mwettqa fil-proprjetajiet tal-konvenut, huwa fis-somma ta' **€3,444.27**, liema somma l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur. Billi evidentement obbligazzjoni mertu tal-pretensjoni hija ta' xorta kummercjali, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn meta l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita[64]. Din id-data, fil-kaz odjern, sejra titqies bhala d-data tal-fattura datata 18 ta' Ottubru 2017.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi ili filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz, tilqa' limitatament it-talba tal-attur billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur is-somma ta' tliet elef erba' mija u erbgha u erbghin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€3,444.27) ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-fattura tat-18 ta' Ottubru 2017 u bl-ispejjez jithallsu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[64] Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16.